# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 23 ta’ April 2001

Citazzjoni numru 188/99 AJM

Kawza numru 43

Grazio u Angela mizzewgin Spiteri

Vs

Joseph Tabone

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pesentata fit-28 ta’ Jannar 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fil-11 ta’ Frar 1997, waqt li l-attur kien qed isuq l-Isuzu numru H-1582 minn Gudja By Pass, limiti Gudja, hu ntlaqat mill-Mazda numru S-8011 misjuqa mill-konvenut li, hu u mixi quddieml-attur u fl-istess direzzjoni tieghu, mar fuq in-naha l-hazina tat-triq, habat ma trailer numru EAD 053 li kien gej mid-direzzjoni opposta, u nbezaq lura ghal fuq l-Isuzu ta’ l-attur li bl-impatt violenti nqalbet; illi dan l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut imhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ sservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu; illi bhala rizultat ta’ dan l-incident l-Isuzu numru H-1582 ta’ l-attur sofriet danni konsiderevoli, tant li giet dikjarata

“beyond economical repair” kif jidher mis-survey report maghmul minn Joseph Buttigieg li qed jigi esebit bhala Dok B; illi kif jindika l-istess survey report,il-pre-accident value tal-istess Isuzu kien LM1,600 u r-wreck value gie stmat LM200, u ghalhekk l-atturi gew sofrew telf nett fl-ammont ta’ LM1,400, ma liema figura jridu jizdied LM25 ghal towing, LM25 survey fees, u LM3.45 Police Sketch u Road Accident Report – total ta’ elf erbgha mija tlieta u hamsin lira hamsa u erbghin centezimu (LM1453.45); talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-incident li gara fil-11 ta’ Frar, 1997 gewwa Gudja By Pass, limiti Gudja, u li fih l-Isuzu numru H-1582 ta’ l-atturi ntlaqtet mill-Mazda numru S-8011 misjuqa mill-konvenut gara unikament tort u htija tal-konvenut imhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu; u
2. m’ghandux l-istess konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta’ LM1453.45 jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta’ danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ April 1998 kontra l-konvenut u dawk ta’ l-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut li qed tigi presentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li jibqa’ mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-11 ta’ Marzu 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tieghu izda gara minhabba sewqan sperikolat u negligenti da parti ta' Grazio Spiteri li wara l-incident li kien sehh bejn il-vettura ta' l-eccipjenti u t-trailer misjuq minn Saviour Scerri (liema incident gara unikament tort ta' Saviour Scerri) baqa' diehel fil-vettura tal-eccipjenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni bhala rizultat ta' dan l-incident.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ukoll tal-konvenut presentata fil-5 ta' Awissu 1999. U wara li rat l-artikolu 728 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u anke billi din l-eccezzjoni kienet tardiva, din il-Qorti mhux qed tikkunsidraha u tordna li sfilz taghha.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Ottubru 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti, tal-access mizmum fuq il-post u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2001 u meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

L-incident mertu ta' din l-kawza sehh ghall-habta tas-2.00 p.m. tal-11 ta' Frar, 1997 gewwa Gudja By Pass. Il-vetturi involuti kienu l-Isuzu numru H-1582 misjuqa mill-attur, u Mazda numru S-8011, misjuqa mill-konvenut. Dawn iz-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni u cioe lejn Luqa Airport. Kien hemm ukoll involut Trailer numru EAP-053, misjuq minn Saviour Scerri, li kien miexi fid-direzzjoni opposta.

It-triq fejn grat il-habta hija fil-kampanja, isserrep, u miksija bil-Hot Asphalt ghalkemm fuq ix-xellug fejn kienu telghin il-kontendenti hemm gandott zghir u aktar il-fuq minn fejn kien gej Scerri cioe t-Trailer, il-karreggata hija mharbta billi hemm diversi tappiri.

L-incident kien wiehed kbir billi kif jidher mid-diversi ritratti l-hsara fil-vetturi tal-kontendenti kienet ingenti. Tant hu hekk li dik ta' l-attur giet dikjarata "beyond economical repair" filwaqt li ghalkemm il-konvenut ma qal xejn, jidher li l-vettura tieghu kienet ukoll "total loss". Dan qed jinghad billi mhux possibbli li dan kien incident bejn vetturi li kienu mixjin bi speeds ta' mhux aktar minn 20 jew 25 k.f.s.

Mill-provi prodotti jidher mhux kontestat li sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-konvenut u t-trailer. Izda ma hemmx qbil dwar kif giet involuta l-vettura ta' l-attur. Filwaqt li dan jghid li l-vettura tal-konvenut issorpassatu fil-kurva, habtet mat-trailer u immollat ghal fuqu u gialitu jinqaleb, l-konvenut jsostni li huwa qatt ma ssorpassa l-kar ta' l-attur u li inoltre l-vettura tieghu qatt ma habtet ma' l-attur. Il-konvenut infatti jipprospetta l-possibilita' li l-attur setgha inqalbet bhala rizultat ta' xi manuvra bruska da parti tieghu meta dan intebah b'dak li kien qed jsehh

quddiemu. Mhux hekk biss izda l-konvenut, fis-sottomissjonijiet tieghu, qed isostni li fi kwalunkwe kaz hu ma ghandux jirrispondi ghad-danni kagunati fil-vettura ta' l-attur billi l-incident bejnu u t-trailer kien rizultat ta' negligenza fis-sewqan ta' Scerri li, skond il-konvenut, kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq biex jevita l-imharbat. Din l-allegazzjoni giet michuda mis-sewwieq tat-trailer.

L-incident gie investigat mis-surgent Abela. Dan ippresenta kopja ta' l-okkorrenza li saret minnu kif ukoll ikkonferma li skizz li gie ezebit mill-attur, bhala kopja fidili ta' dak li ghamel hu. Dwar l-istqarrijiet tal-partijiet involuti fl-incident insibu hekk:-

*"Is-sewwieq tat-trailer stqarr li kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Luqa u kif dahal ghal Vjal il-Gudja b'sewqan ta' 15 k.m. fuq in-naha is-sewwa, meta f'daqqa wahda mill-oppost tieghu ra tal-karozza S-80011 gej ghal fuqu, fejn dan baqa' diehel fuq il-quddiem tieghu u spicca tilef il-kontroll u dahal fuq il-vettura H-1582 li kienet gejja minn warajh. Is-sewwieq tat-trailer kompla stqarr illi bid-daqqa l-istess karozza baqa' diehel go cint."*

*"Waqt is-sewwieq tal-karozza H-1582 stqarr li kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Ghaxaq sejjer lejn l-Airport, meta f'xi hin minn quddiemu ra tal-karozza S-8011 diehel fi trailer u bid-daqqa baqa gej fuqu u b'konsegwenza qalbu fuq in-naha tal-lemin tat-triq."*

*"Waqt is-sewwieq tal-karozza S-8011 stqarr mill-Isptar, li kien gej minn naha tal-Gudja sejjer lejn l-Airport b'sewqan ta' 25 km, meta f'hin minnhom mill-oppost tieghu ra lil tat-trailer gej, fejn dan gibed ghan-nofs tat-triq u b'konsegwenza l-istess trailer baqa' diehel fuqu u bid-daqqa tilef il-kontroll tal-karozza u spicca dahal go cint."*

Li skizz tal-incident juri l-vetturi kif waqfu wara l-habta. It-trailer jidher imdahhal biz-ziemel fuq il-hajt tax-xellug tieghu filwaqt li l-kaxxa tidher ippuntata lejn in-nofs tat-triq. Il-vettura ta' l-attur tidher maqluba fuq il-gemb tal-lemin taghha hdejn il-hajt tax-xellug taghha u thares

fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja. Il-vettura tal-konvenut tidher thares lejn il-hajt tax-xellug taghha, qiesu f'nofs it-tul tat-trailer u cirka 20 pid boghod minn fejn spiccat l-vettura ta' l-attur. Li skizz juri triq ikkurvata lejn ix-xellug fid-direzzjoni fejn kien sejjer it-trailer. Il-karreggata hija pjuttost wisa' cirka 37 pid.

Qabel xejn ghandu jigi osservat, kif anke irrizulta waqt l-access u mir-ritratt Dok JA2 (fol 47 ), illi l-kurva fit-triq tikser fid-direzzjoni opposta ghal kif muri fli skizz. Ghalhekk fil-mument tal-impatt t-trailer kien qed idur lejn il-lemin (ghalkemm f' kurva hafifa) filwaqt li l-kontendenti kienu jduru fuq ix-xellug taghhom. Ghandu jinghad ukoll li aktar lura minn fejn sar l-impatt u cioe minn fejn kienu gejjin l-kontendenti, hemm kurva aktar qawwija u b'hajt u sigar gholjin fil-konfini tal-karreggata b'mod, kif irrizulta waqt l-access, li l-vizwali ghal minn ikun gej mid-direzzjoni tal-Gudja, hija pjuttost limitata.

Sar hafna diskors dwar id-distanzi bejn il-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenut kif spiccaw wara l-habta. Infatti hu l-konvenut qal li kien hemm cirka mitt pid bejn wahda u l-ohra. Dan mhux korroborat bl-iskizz u lanqas ma jirrizulta mill-video li gie presentat mill-konvenut innifsu. Inoltre jigi osservat li l-istess ufficjal li investiga l-incident ikkonferma li l-iskizz huwa "to scale". Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li tista' taghti kredibilita' ghax-xhieda ta' Tony Tabone (hu l-konvenut). Dan apparti l-fatt li konsiderazzjoni simili ftit li xejn ghandha rilevanza ghar-rizoluzzjoni tal-kaz.

Issa nigu ghall-ezami taz-zewg posizzjonijiet difensivi tal-konvenut.

**<u>In-nuqqas ta' impatt ma' l-attur.</u>**

Il-konvenut qed isostni li huwa qatt ma habat mal-vettura ta' l-attur u jenfasizza l-fatt li fil-vettura tieghu ma kienx hemm hsara fuq wara. Dan qed jinghad billi jekk il-vetturi tal-kontendenti ma missewx ma xulxin, skond il-konvenut, hu ma jista' jkollu ebda htija ghad-danni kagunati fil-vettura ta' l-attur. Apparti li argument simili mhux necessarjament jwassal ghall-konkluzzjoni li jixtieq il-konvenut, dak li qed jghid mhux sorrett mill-provi. Infatti nsibu diversi xhieda fosthom l-attur, martu, il-passiggiera l-ohra fil-vettura ta' l-attur u l-istess Saviour Scerri, is-sewwieq tat-trailer, li jghidu li kien hemm impatt bejn l-vettura ta' l-attur u dik tal-konvenut u li kien minhabba dan l-impatt li l-kar ta' l-attur inqalbet. Dan ukoll insibuh imnizzel fl-okkorrenza.

L-istess konvenut fin-nota ta'l-eccezzjonijiet tieghu jghid hekk "*l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tieghu izda gara minhabba sewqan sperikolanti u negligenti da parti ta' Garzio Spiteri <u>li, wara l-incident li kien sehh bejn il-vettura ta' l-eccipjenti u t-trailer misjuq minn Saviour Scerri (liema incident gara unikament tort ta' Saviour Scerri) baqa' diehel fil-vettura ta' l-eccipjenti ......"</u>* Din il-verzjoni tal-fatti giet ukoll ripetuta mill-konvenut fid-dikjarazzjoni guramentata maghmula minnu u annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet. Kien biss waqt li xhed quddiem din il-Qorti li l-konvenut cahad li habat mal-attur. Din il-verzjoni gdida mhux accettabbli billi fl-ewwel lok l-istess konvenut lanqas biss ressaq bhala xhieda ta' dan il-fatt lill-persuni li kienu jinsabu fil-vettura tieghu waqt l-incident. Inoltre jirrizulta li mal-impatt bejn il-vettura tal-konvenut u t-trailer, l-istess konvenut intilef minn sensieh; ghalhekk wiehed ma jistax jifhem kif issa jghid x'gara

immedjatament wara dan l-impatt. Fl-ahharnett l-argument li l-vettura tal-konvenut ma kellha ebda hsara fuq wara mhux indikattiv li din il-vettura ma habtitx mal-kar ta' l-attur. Infatti fix-xhieda ta' Saviour Scerri, li ghandu jinghad kellu *bird's eye view* ta' dak li kien qed jigri minhabba l-gholi tal-gabina tieghu, insibu li dan spejga li l-kar tal-konvenut wara li habtet mat-trailer, daret lura, laqtet lill-attur u reget giet thares il-quddiem – habtet man-naha tax-xufir ta' l-attur bil-faccata taghha (fol 83). Din ix-xhieda tispjega ezattament x'gara u filwaqt li tikkorrobora dak li qal l-attur u l-passiggieri fil-vettura tieghu u cioe li raw il-kar tal-konvenut ittir, tispjega ukoll ilghala ma kienx hemm hsara fil-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenut.

Dan stabbilit issa irridu naraw it-tieni skuzanti tal-konvenut.

**Sewqan hazin tat-trailer**.

Il-konvenut qed isostni ukoll li hu ma ghandux htija ghall-akkadut u konsegwentement ghad-danni fil-vettura ta' l-attur, billi dak li gara gara minhabba nuqqasijiet ta' Saviour Scerri li kien jsuq it-trailer. Il-bazi ta' din is-sottomissjoni hi fis-sens li l-konvenut kien miexi fuq in-naha tieghu tat-triq (jghid li kien il-barra kemm jghaddu zewg persuni) filwaqt li t-trailer gie wrong side u habat mieghu. In sostenn ta' din l-allegazzjoni l-konvenut isemmi l-fatt li parti mill-karreggata fejn kien mixi Scerri kienet imharbta u ghalhekk dan "bil-fors" zamm il-barra minnha u fit-tieni lok jghid li l-posizzjoni tal-parti ta' wara tat-truck kienet tant il-barra li qed timblokka l-karreggata kollha b'mod li tindika li qabel l-incdent dan it-trailer kien fuq in-nahha il-hazina tat-triq.

Il-possibilita' li Scerri hareg il-barra minhabba t-tharbit fil-karreggata hija mera ipotesi tal-konvenut u mhux sorretta minn xi provi. Anzi l-istess x-xhud Scerri cahad kategorikament li huwa hareg il-barra minn dan it-tharbit fit-triq jew li kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Infatti Scerri qal li hu kien jaf bit-tharbit fil-karreggata u ghalhekk kien qed isuq bi speed baxx hafna peress li kellu merkanzija li setghet tinkiser. Hu kompla jghid li kien mixi ftit il-barra mill-hajt u dejjem kien qed izomm in-naha tieghu tat-triq. Din il-verzjoni hija sorretta bix-xhieda ta' l-attur li sostna li t-trailer kien jinsaq fuq in-nahha t-tajba tat-triq.

Issa dwar il-posizzjoni tal-kaxxa tat-trailer fil-karreggata, li skizz tal-habta li huwa skalat kif ukoll in-notament li ittiehdu mill-ufficjali fuq il-post, juru li din qeghedha biss 2.70 metri mill-estremita tax-xellug taghha il-barra mil-hajt tax-xellug (ara fir-rigward ir-rough notes tal-ufficjal li investiga l-kaz a fol 49 tergo) u ghalhekk il-parti tal-lemin ta' wara tal-istess kaxxa ma setghetx kienet qed tiskorri l-linja medjana tal-karreggata meta waqaf it-truck. Inoltre l-video li gie ezebit mill-konvenut ma jurix li l-kaxxa tat-trailer waqfet fuq in-nahha l-hazina tat-triq jew b'xi mod kienet qed timblokka l-karreggata opposta. Ir-ritratt li gie ezebit mill-konvenut u mehud mill-istess video juri l-kaxxa tat-trailer donnu qed jimblokka l-karreggata izda hawn wiehed josserva li t-triq fejn grat il-habta hija f'kurva u ghalhekk l-ghajn titqarraq infatti mill-video jidher li hemm spazju kbir bejn it-tarf tal-kaxxa tat-trailer u l-hajt fuq in-nahha tal-lemin tieghu.

Illi tenut kont ta ' dan kollu u wara li hasbet fit-tul dwar l-kaz din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident gara tort u htija tal-konvenut li fil-kurva meta l-vizwali kient limitata kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u ghalhekk invada l-karreggata opposta u habat mat-trailer u

sussegwentement habat ukoll mal-vettura tal-attur u gialha tinqaleb. Il-konvenut ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur.

Dwar danni gew ezebiti mill-attur u s-surveyor li ezamina l-vettura wara l-habta xi dokumenti li juru li din l-vettura li kellha "pre accident value" ta' elf u sitt mitt lira (LM1,600) giet danneggata b'tali mod li ma kienx ragionevoli li tissewwa. L-attur zamm il-wreck li gie stmat mitejn lira (LM200). Ghalhekk t-telf soffert mill-attur kien jammonta ghal LM1,400. Ma dan ghandhom jizdiedu xi spejjes ohra incidentali bhal ma huma survey fees, towing u road accident report u b'hekk l-attur huwa intitolat ghal rimbors ta' elf erbgha mija tlieta u hamsin lira u hamsa u erbghin centezimu (LM1453.45).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara li l-incident mertu tal-kawza gara tort u htija tal-konvenut, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elf erbgha mija tlieta u hamsin lira maltin hamsa u erbghin centezimu (LM1453.45) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat u dana bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.
Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri